



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 30.6.2021  
SWD(2021) 167 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
KONSULTAZZJONI MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI - RAPPORT FIL-QOSOR**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat  
Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni**

**Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE - Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi,  
reżiljenti u prosperużi sal-2040**

{COM(2021) 345 final} - {SWD(2021) 166 final}

## 1. INTRODUZZJONI: OBJETTIVI U PARTIJET IKKONĊERNATI


Dan ir-rapport jippreżenta l-eżitu tal-linji differenti ta' konsultazzjoni mwettqa bħala sostenn għall-Komunikazzjoni "Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali tal-UE - Lejn żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi". Il-ħtieġa li titfassal viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali ġiet sottolinjata fil-linji gwida politiċi tal-President von der Leyen u fl-ittri ta' missjoni lill-Viċi President Šuica (id-Demokrazija u d-Demografija), lill-Kummissarju Wojciechowski (l-Agricoltura) u lill-Kummissarju Ferreira (il-Koeżjoni u r-Riformi).

Bħala parti integrali mill-prijorità "Spinta Ġdida għad-Demokrazija Ewropea" tal-Kommissjoni von der Leyen, il-konsultazzjoni pubblika kienet immirata biex tintlaħaq parteċipazzjoni qawwija miċ-ċittadini u mill-partijiet ikkonċernati ħalli jitkejlu l-prijoritajiet (i) għaż-żoni rurali llum u (ii) għaż-żoni rurali tal-futur.

L-istrateġija ta' konsultazzjoni tfasslet biex tagħti attenzjoni partikolari lill-persuni li jgħixu fiż-żoni rurali kif ukoll lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, kif deskritt fl-ittra ta' missjoni lill-Viċi President għad-Demokrazija u d-Demografija, Dubravka Šuica<sup>1</sup>. Il-proċess tal-konsultazzjoni laħaq il-qofol tiegħu fil- Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali, organizzata online bejn it-22 u s-26 ta' Marzu 2021.

Il-proċess kien jinkludi l-elementi ta' konsultazzjoni li ġejjin:

*Illustrazzjoni 1. Linji ta' konsultazzjoni għall-Viżjoni fit-tul għaż-Żoni Rurali tal-UE*



Dawn il-passi ta' konsultazzjoni kienu ppjanati sabiex jintlaħqu l-partijiet ikkonċernati identifikati permezz tal-immappjar imwettaq fl-istrateġija ta' konsultazzjoni, li kien identifika l-gruppi li ġejjin:

- Il-bdiewa u l-organizzazzjonijiet tagħhom (fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali)

<sup>1</sup>

[https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/default/files/2019/11/11/commissioner\\_mission\\_letters/mission-letter-dubravka-suica\\_en.pdf](https://ec.europa.eu/commission/commissioners/sites/default/files/2019/11/11/commissioner_mission_letters/mission-letter-dubravka-suica_en.pdf)

- Il-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tagħhom (fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali)
- Is-Settur Privat – upstream-downstream (id-distribuzzjoni fil-katina alimentari eċċ.), in-negozji rurali (fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali)
- L-Awtoritajiet tal-Istati Membri (il-Gvernijiet, il-Parlamenti, l-Awtoritajiet Pubbliċi)
- L-awtoritajiet reġjonali/lokali
- L-NGOs ambjentali (fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali)
- Assoċjazzjonijiet, NGOs u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili oħra (fil-livell tal-UE, nazzjonali u lokali)
- In-networks rurali (fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali)
- L-akkademiċi, l-esperti
- Gruppi u individwi interessati oħra

Il-konsultazzjoni saret fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. Il-biċċa l-kbira tal-iskambji u l-konsultazzjonijiet twettqu virtwalment, minbarra għadd limitat ta' avvenimenti lokali organizzati min-networks rurali. Il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati identifikati kollha ntlaħqu permezz tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni differenti<sup>2</sup>.

## 2. METODOLOĠJA U GĦODOD

Il-Kummissjoni għabret feedback kemm dwar il-**pjan direzzjonali** tagħha kif ukoll dwar il-**konsultazzjoni pubblika online** (OPC - online public consultation) permezz ta' kwestjonarji online. Il-feedback dwar il-pjan direzzjonali għie analizzat b'mod kwantitattiv u kwalitattiv biex jiġu identifikati l-isfidi, l-opportunitajiet u l-prijoritajiet għall-azzjoni. Il-konsultazzjoni pubblika online għaqqdet taħlita ta' mistoqsijiet magħluqa (fejn ir-rispondenti wiegħbu minn għażla ta' tweġibiet magħżula minn qabel) u mistoqsijiet miftuħa (fejn kienu liberi li jiktbu kwalunkwe tweġiba li riedu sa massimu ta' 1 000 karattru għal kull tweġiba). Il-kwestjonarju tal-OPC iffoka fuq tliet aspetti ewlenin: (i) iż-żoni rurali llum, (ii) iż-żoni rurali tal-futur u (iii) il-governanza taż-żoni rurali.

Diversi mistoqsijiet tal-**Ewrobarometru Speċjali 504**<sup>3</sup> għamlu referenza għas-sitwazzjoni taż-żoni rurali, għal kif l-affarijiet inbidlu mill-2009 sal-2020, u għall-objettivi tal-iżvilupp rurali, it-tieni pilastru tal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Dan l-istħarriġ twettaq fl-EU27 bejn it-3 ta' Awwissu u l-15 ta' Settembru 2020. B'kollox, għew intervistati 27 237 ċittadin tal-UE minn kategoriji soċjali u demografiċi differenti, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet wiċċ imb wiċċ fil-lingwa nattivha tagħhom. Minħabba l-impatt tal-COVID-19 u l-miżuri sussegwenti tas-saħħa u s-sikurezza, ma kienx possibbli ssir intervista wiċċ imb wiċċ jew kienet possibbli biss sa ċertu punt f'xi pajjiżi u għiet sostitwita minn intervisti online. Twettaq ukoll l-**Ewrobarometru Flash 491 apposta**<sup>4</sup> fl-EU27 bejn id-9 u t-18 ta' April 2021 li vvaluta l-prijoritajiet li fuqhom jenħtieġ li tiffoka l-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali. Total ta' 25 841 ċittadin tal-UE għew intervistati fuq it-telefown. L-istħarriġ kopra s-suġġetti li għejjin: (1) l-investiment tal-UE fiż-żoni rurali, (2) it-trasport u l-konnessjonijiet lejn iż-żoni rurali, (3) il-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19, (4) il-problemi ambjentali fiż-żoni rurali, (5) il-parteċipazzjoni tar-residenti rurali.

<sup>2</sup> Ara l-Anness I u r-rapporti speċifiċi għall-Konsultazzjoni Pubblika Online u l-Pakkett tal-Partijiet Ikkonċernati.

<sup>3</sup> <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2229>

<sup>4</sup> <https://europa.eu/eurobarometer/surveys/detail/2278>

L-inizjattiva tal-Viżjoni fit-tul ġiet ippreżentata wkoll f'għadd ta' **avvenimenti** madwar l-UE biex jinkisbu l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati rurali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Għal kull avveniment, ir-rappreżentanti tal-Kummissjoni identifikaw il-kwistjonijiet ewlenin enfasizzati. Saru wkoll konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati mmirati mal-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw l-iżvilupp rurali permezz tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-Iżvilupp Rurali u l-partijiet ikkonċernati tal-iżvilupp rurali permezz tal-Grupp ta' Djalogu Ċivili dwar l-Iżvilupp Rurali, u f'laqgħat ta' governanza tan-Networks Rurali tal-UE. L-eżerċizzju parteċipattiv ta' prospettiva għall-iżvilupp tal-Viżjoni, immexxi miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, twettaq f'sensiela ta' laqgħat ta' Grupp Tematiku dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul, li ġie stabbilit taħt in-Network Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (ENRD).

Barra minn hekk, bl-appoġġ tal-ENRD, il-Kummissjoni ħejjiet **pakkett ta' ħidma**<sup>5</sup> “Merħba fir-Rural Tagħna”, ipprovdut fi 22 lingwa tal-UE u disponibbli online, li minnu n-networks rurali nazzjonali (NRN) u partijiet ikkonċernati rurali oħrajn jistgħu jniżżlu materjal li jippermettilhom jorganizzaw avvenimenti parteċipattivi lokali li jiffokaw fuq iż-żona lokali tagħhom stess u l-iżviluppi probabbli u mixtieqa tagħha minn issa sal-2040. Ir-riżultati ġew irrapportati lura lill-Kummissjoni fi “skedi tal-ħsad” li jissinteszaw ir-riżultati tad-diskussjonijiet tas-sessjonijiet ta' ħidma. L-NRN adattaw il-materjal għall-kundizzjonijiet lokali tagħhom u ż-żmien u r-riżorsi li kellhom disponibbli. Xi gruppi żammew qrib ħafna mal-mudelli; xi wħud użawhom b'mod anqas strett; u oħrajn żviluppaw mezzi addizzjonali u immaġinattivi biex jirreġistraw l-ilħna rurali rigward il-viżjoni tagħhom tal-futur tal-Ewropa rurali fl-2040. Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, is-sessjonijiet ta' ħidma saru kważi kollha virtwalment aktar milli wiċċ imb wiċċ. Aktar dettalji dwar l-eżiti jistgħu jinsabu fir-rapport tal-ENRD bit-titolu “*Rural Voices: A qualitative analysis of the findings from stakeholder workshops contributing to the Long-term Vision for Rural Areas*”<sup>6</sup>.

Fl-aħħar nett fil-“**Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali: Nimmaġinaw il-futur taż-żoni rurali tal-Ewropa**”, ġiet organizzata konferenza parteċipattiva fuq skala kbira online mill-ENRD f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni bejn it-22 u s-26 ta' Marzu 2021, ir-riżultati tal-linji ta' konsultazzjoni differenti ġew ippreżentati, diskussi mal-partijiet ikkonċernati u żviluppanti aktar. Ġew organizzati wkoll sessjonijiet ta' ħidma ddedikati dwar suġġetti ewlenin (dawn kienu jinkludu 8 sessjonijiet ta' ħidma parteċipattivi, sessjonijiet plenarji ta' ħidma, 11-il avveniment marġinali, iċ-ċerimonja tal-Premji tal-ENRD għall-Ispirazzjoni Rurali, u suq fejn il-partijiet ikkonċernati u n-networks differenti ppreżentaw l-attivitajiet u l-inizjattivi tagħhom marbuta mal-Viżjoni). L-għan kien li jiġu pprovduti opportunitajiet massimi għall-iskambji bejn il-parteċipanti, filwaqt li jinsiltu fehmiet kollettivi dwar l-aspirazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għall-Viżjoni rurali. Il-preżentazzjonijiet u l-informazzjoni kollha mill-avveniment huma disponibbli fuq l-ENRD<sup>7</sup>.

---

<sup>5</sup> Disponibbli fuq: [https://enrd.ec.europa.eu/news-events/news/long-term-vision-rural-areas-workshop-package-nrns-and-other-rural-stakeholders\\_en](https://enrd.ec.europa.eu/news-events/news/long-term-vision-rural-areas-workshop-package-nrns-and-other-rural-stakeholders_en)

<sup>6</sup> [https://enrd.ec.europa.eu/publications/rural-voices\\_en](https://enrd.ec.europa.eu/publications/rural-voices_en)

<sup>7</sup> [https://enrd.ec.europa.eu/news-events/events/rural2040-vision-week\\_en](https://enrd.ec.europa.eu/news-events/events/rural2040-vision-week_en)

### 3. ATTIVITAJIET TA' KONSULTAZZJONI

#### **a. Konsultazzjoni dwar il-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni**


Il-konsultazzjoni dwar il-pjan direzzjonali għall-Viżjoni kienet miftuħa għall-feedback mit-22 ta' Lulju sad-9 ta' Settembru 2020. Din ġiet imwiegħba minn total ta' **198 parti ikkonċernata** li kienu jinkludu rappreżentazzjonijiet ta' interessi reġjonali, networks tematiċi, organizzazzjonijiet internazzjonali, awtoritajiet pubbliċi (nazzjonali, reġjonali u lokali), organizzazzjonijiet taċ-ċittadini, akkademiċi u ċittadini individwali.

Il-maġġoranza vasta tad-dokumenti ta' pożizzjoni pprovduti kienu relatati mal-kontenut tal-inizjattiva aktar milli mal-pjan direzzjonali nnifsu (li kien jiffoka fuq il-proċess)<sup>8</sup>. Fi kwalunkwe każ, il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għal dan l-eżerċizzju ġew meqjusa wkoll matul l-analiżi tal-eżiti tal-konsultazzjoni pubblika online (OPC).

#### **b. Konsultazzjoni pubblika online (OPC)**

Il-konsultazzjoni pubblika, li kienet miftuħa mis-7 ta' Settembru sat-30 ta' Novembru 2020, ġabret total ta' **2 326 tweġiba** mis-27 Stat Membru kollha u 87 dokument ta' pożizzjoni minn partijiet ikkonċernati differenti.

*Illustrazzjoni 2 L-għadd ta' risponenti għall-konsultazzjoni pubblika skont il-pajjiż ta' oriġini*



Fir-rigward tal-kategoriji ta' partijiet ikkonċernati li wiegħbu, 62 % kienu ċittadini (52 % minnhom identifikaw ruħhom bħala li jgħixu f'żona rurali u 9 % f'żona rurali remota), 9 % negozji u assoċjazzjonijiet, 5 % istituzzjonijiet akkademiċi u ta' riċerka, 9 % awtoritajiet pubbliċi, 7 % NGOs, 5 % networks tal-iżvilupp rurali u 2 % risponenti oħra.

F'April 2021 sar Ewrobarometru flash biex jikkomplementa r-risultati tal-OPC b'kampjun rappreżentattiv tal-popolazzjoni tal-UE.

<sup>8</sup> <https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/better-regulation-guidelines.pdf>

Ir-riżultati tal-OPC jistgħu jiġu kkonsultati fis-**“Sommarju tal-Fatti dwar il-konsultazzjoni pubblika dwar il-viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali”**<sup>9</sup> u fis-**“Sintesi tal-konsultazzjoni pubblika online dwar il-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali”**.


### **c. Ewrobarometri**

Kważi r-rispondenti kollha tal-Ewrobarometru Speċjali 504 (95 %, +3 punti perċentwali mill-2017) jaħsbu li l-agrikoltura u ż-żoni rurali huma importanti għall-futur. Meta wieħed iħares lejn ix-xejra aktar fit-tul, il-proporzjon żdied b’ħames punti perċentwali mill-2009 ’l hawn.

Ir-rispondenti ġew mistoqsija jekk l-affarijiet fiż-żoni rurali f’pajjiżhom tjiwbux, sarux agħar jew baqgħux qisu l-istess meta mqabbla ma’ għaxar snin ilu. Sehem akbar ta’ rispondenti jaħsbu li l-affarijiet tjiebu fir-rigward tal-aċċess għal konnessjonijiet tal-internet b’veloċità għolja u l-infrastruttura tat-trasport li tgħaqqad mal-bliet. Min-naħa l-oħra, maġġoranza relattiva wiegħbu li l-affarijiet saru agħar fir-rigward tal-opportunitajiet tax-xogħol u s-servizzi tas-saħħa (illustrazzjoni 3).

*Illustrazzjoni 3 QA19 tal-Ewrobarometru Speċjali 504 dwar il-bidliet fiż-żoni rurali fl-aħħar għaxar snin*

**QA19** Meta mqabbel ma' għaxar snin ilu, tgħid li l-affarijiet tjiebu, saru agħar jew baqgħu qisu l-istess f'żoni rurali f'(PAJJIŻNA) fir-rigward ta'...? (% - UE27)



Is-sejbiet ewlenin tal-Ewrobarometru Flash 491 jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej; il-maġġoranza (79 %) taċ-ċittadini tal-UE jappoġġaw l-idea li l-UE tagħti attenzjoni liż-żoni

<sup>9</sup> Disponibbli fuq: <https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12525-Long-term-vision-for-rural-areas/public-consultation>

rurali fid-deċiżjonijiet dwar l-infiq pubbliku. Barra minn hekk, 65 % taċ-ċittadini tal-UE jaħsbu li ż-żona jew il-provinċja lokali jenħtieġ li tkun tista' tiddeċiedi kif jintnefaq l-investment tal-UE fiż-żoni rurali. L-aktar ħtieġa ewlenija taż-żoni rurali li ssemmiet (44 %) kienet l-infrastruttura u l-konnessjonijiet tat-trasport. Fir-rigward tal-konnessjonijiet tat-trasport, ir-rispondenti taż-żoni rurali remoti jqisu li hija diffiċli jew impossibbli li jilhq servizzi differenti bit-trasport pubbliku fiż-żona tagħhom (bejn 52 % u 59 % skont is-servizz). Ir-rispondenti miż-żoni rurali jixtiequ li jkollhom aċċess għal aktar servizzi tax-xarabank lokali. Iċ-ċittadini li jgħixu fi rħula u fi bliet kbar (61 %) huma aktar probabbli li jżuru żoni rurali meta mqabbla ma' qabel il-pandemija tal-COVID-19. Fir-rigward tal-ambjent, il-maġġoranza tar-rispondenti wieġbu li l-problemi ambjentali huma problema immedjata għaż-żoni rurali (bejn 52 % u 65 % skont il-problema ambjentali). Filwaqt li ċ-ċittadini tal-UE huma maqsuma meta jiġu mistoqsija jekk jistgħux jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet li jaffettwaw iż-żona lokali tagħhom, ir-rispondenti kollha jixtiequ jkunu aktar involuti billi jieħdu sehem f'konsultazzjonijiet maċ-ċittadini (63 %), jattendu laqgħat jew avvenimenti organizzati fiż-żona lokali tagħhom jew jinvolvu ruħhom fi proġetti mmexxija mill-komunità (56 %) u jkunu aktar involuti permezz ta' feeds tal-media soċjali (42 %) <sup>10</sup>.

#### **d. Konsultazzjonijiet immirati permezz ta' laqgħat, konferenzi u avvenimenti**

Il-Kummissjoni użat dan l-istadju biex tesplora l-kwistjonijiet b'mod aktar profund u f'aktar dettall. Minkejja n-natura kwalitattiva tal-konsultazzjonijiet immirati mal-partijiet ikkonċernati, kien hemm livelli sorprendenti ta' konsistenza fost il-gruppi fil-fehmiet tagħhom. Il-kwistjonijiet ewlenin enfasizzati jinkludu l-importanza tad-depopolazzjoni u l-isfida tat-tiġdid ġenerazzjonali, il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għall-infrastruttura u għas-servizzi, b'mod partikolari, il-mobbiltà u l-konnettività, u l-ħtieġa ta' opportunitajiet tax-xogħol.

L-anness 1 jinkludi lista dettaljata ta' laqgħat, konferenzi u avvenimenti u kwistjonijiet ewlenin enfasizzati.

#### **e. Pakkett ta' Ħidma**

Kif indikat fit-Taqsima 2, il-Kummissjoni Ewropea, bl-appoġġ tal-ENRD, iprovdiet pakkett ta' materjali biex tappoġġa l-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma parteċipattivi mal-partijiet ikkonċernati rurali. In-Networks Rurali Nazzjonali (NRN), il-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL), iċ-Ċentri ta' Europe Direct, l-awtoritajiet lokali, iċ-ċittadini u l-gruppi komunitarji kkontribwew għall-iżvilupp mill-Kummissjoni Ewropea ta' Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali (LTVRA) permezz ta' din il-linja ta' konsultazzjoni.

Il-pakkett kien disponibbli minn Novembru 2020, u sabiex tiġi osservata l-iskeda leġislattiva, is-sessjonijiet ta' ħidma kellhom ikunu tlestew sal-ewwel ġimgħa ta' Frar 2021. Minkejja dan il-perjodu ta' żmien qasir ħafna, kien hemm rispons impressjonanti mill-partijiet ikkonċernati lokali, b'sessjonijiet ta' ħidma organizzati **f'19-il Stat Membru** u **b'170 kontribuzzjoni riċevuta**, bl-involviment ta' aktar minn **3 000 ċittadin rurali bħala parteċipanti attivi**.

---

<sup>10</sup> Kategoriji għall-analiżi: (1) żona rurali remota, (2) żona rurali jew villaġġ, (3) raħal żgħir jew ta' daqs medju u (4) raħal kbir/belt.

Ħarsa ġenerali pprovduta mill-ENRD tal-messaġġi ewlenin li haġġu mis-sessjonijiet ta' ħidma tal-partijiet ikkonċernati dwar il-Viżjoni Rurali hija inkluża fl-anness 2.

## **f. Il-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali**

Il-konferenza parteċipattiva ta' ġimgħa (organizzata mill-ENRD f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea): ***“Il-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali: Nimmaġinaw il-futur taż-żoni rurali tal-Ewropa”*** ġiet organizzata b'ħala avveniment online mit-**22 sas-26 ta' Marzu 2021**.

Id-diskussjonijiet parteċipattivi matul l-avveniment kienu ffukati fuq żewġ mistoqsijiet ewlenin:

- a. *Liema huma l-ideat ewlenin li jridu jagħmlu parti mill-viżjoni; u*
- b. *X'inhuma l-bidliet/il-kundizzjonijiet ewlenin li għandna b'żonn biex nilħqu l-viżjoni minn fejn ninsabu llum.*

Il-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali attirat livell għoli ta' interess b'total ta' 1 365 reġistrazzjoni riċevuta u 600 parteċipant “b'mod dirett” differenti. Attendew parteċipanti mis-27 Stat Membru u minn 8 pajjiżi mhux tal-UE. L-avveniment kien jinvolvi aktar minn 60 kelliem, aktar minn 3 000 żjara fis-suq, u aktar minn 6 000 view tal-paġna web tal-avveniment. L-avveniment kellu wkoll livell għoli ta' rapportar fuq il-media soċjali bl-interazzjoni ta' aktar minn 13 000 persuna permezz ta' Facebook. It-tixrid tal-avveniment jista' jintwera wkoll mill-Premji għall-Innovazzjoni Rurali, li rrikonnoxxew proġetti appoġġati mill-FAEŻR f'għadd ta' oqsma tematiċi madwar *“Il-Futur Rurali Tagħna”*, marbuta mal-Viżjoni, li kellhom aktar minn 10 000 vot fil-kategorija tal-Vot Popolari.

Il-preżentazzjonijiet, ir-reġistrazzjonijiet tas-sessjonijiet plenarji u l-messaġġi ewlenin mill-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali huma disponibbli online fuq is-sit web tal-ENRD<sup>11</sup>.

## **g. L-interazzjoni mal-Parlament Ewropew**

Fid-29 ta' Jannar 2021, Norbert Lins, membru tal-Parlament Ewropew (MEP) u l-President tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, ippreżenta **mistoqsija orali** f'isem il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali lill-Kummissjoni rigward il-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali<sup>12</sup>. Il-kwistjonijiet ewlenin imqajma fil-mistoqsija orali jirreferu għall-koordinazzjoni bejn il-politiki differenti tal-UE involuti; l-involviment tal-awtoritajiet rurali reġjonali u lokali; l-armonizzazzjoni tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK u l-adattamenti għall-istrumenti tal-PAK bil-Viżjoni; u l-finanzjament għaż-żoni rurali taħt il-PAK u l-politika ta' koeżjoni. Il-Kummissarju Wojciechowski wieġeb f'isem il-Kummissjoni.

Fl-4 ta' Frar 2021 saret **“Laqgħa konġunta tal-Kummissjoni għar-Riżorsi Naturali tal-Kumitat tar-Reġjuni u tal-Kumitat għall-Agrikoltura tal-Parlament Ewropew dwar viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali”**. Il-membri taż-żewġ istituzzjonijiet ddiskutew modi kif jagħtu spinta lill-irkupru fiż-żoni rurali tal-Ewropa u jippermettu lir-reġjuni jkomplu jaqdu r-

---

<sup>11</sup> [https://enrd.ec.europa.eu/news-events/events/rural2040-vision-week\\_en](https://enrd.ec.europa.eu/news-events/events/rural2040-vision-week_en)

<sup>12</sup> [Mistoqsija għal tweġiba orali O-000005/2021](#)



rwol tagħhom fit-tħejjija u l-ġestjoni tal-PAK futura. L-MEP u l-mexxejja lokali qablu li l-politika futura tal-UE dwar l-iżvilupp rurali trid tkun aktar ambizzjuża u għandu jkun fiha qafas ta' politika konkret li jiġi mmonitorjat u evalwat.

### **h. Interazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni (KtR) u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)**

Il-KESE adotta opinjoni “**Approċċ integrat għaż-żoni rurali tal-UE, b’enfasi speċjali fuq ir-reġjuni vulnerabbli**” f’Settembru 2020. Il-KtR ukoll adotta opinjoni dwar l-azzjoni li hija meħtieġa li titwettaq għaż-żoni rurali f’Diċembru 2020, “**Strateġija tal-UE għall-Irkupru Rurali**”. Il-Kummissjoni Ewropea rreferiet għall-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali bħala mod kif jiġu implimentati għadd ta’ talbiet tagħhom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea f’diversi okkażjonijiet interaġiet maż-żewġ kumitati dwar il-ħtiġijiet speċifiċi taż-żoni rurali u t-tweġiba politika meħtieġa.

### **i. Laqgħat tal-Viċi President Šuica u tal-Kummissarju Wojciechowski ma’ partijiet ikkonċernati ewlenin**

Minn Settembru 2020 ’l hawn, il-Viċi President Šuica u l-Kummissarju Wojciechowski bdew jiltaqgħu ma’ partijiet ikkonċernati ewlenin involuti fil-viżjoni fit-tul. Il-pożizzjonijiet ta’ dawn il-partijiet ikkonċernati rriflettwew dawk espressi hawn fuq.

#### **4. INTERDIPENDENZI U KONSISTENZI FIL-KONTRIBUZZJONIJIET MILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI**

Hemm grad għoli ta’ konsistenza bejn il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati fi gruppi differenti u s-sejbiet li ħarġu minn kull waħda mil-linji ta’ konsultazzjoni. It-tħassib primarju tal-grupp tal-partijiet ikkonċernati huwa elenkat hawn taħt.

(i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi urġenti għaż-żoni rurali:

- **L-infrastruttura;** l-infrastruttura tat-trasport u l-infrastruttura tal-konnettività.
- **In-nuqqas ta’ servizzi bażiċi u kumditajiet;** servizzi pubbliċi ta’ kwalità baxxa (skejjel, kura tas-saħħa u soċjali, trasport pubbliku), opportunitajiet ta’ edukazzjoni u taħriġ ta’ kwalità, konnettività ta’ kwalità, banek, uffiċċji postali u problemi relatati mal-ġestjoni tal-ilma.
- **Nuqqas ta’ impjegi ta’ kwalità u opportunitajiet ta’ impjegi ta’ kwalità.**
- Livelli ta’ introjtu baxx.
- Tiġdid ġenerazzjonali limitat fl-agrikoltura.
- **It-tixjiħ tal-popolazzjoni u b’mod speċjali t-tnaqqis drammatiku fil-popolazzjoni** f’xi żoni rurali.
- Akkomodazzjoni insuffiċjenti u mhux xierqa għal ċerti Stati Membri.
- Theddid għall-ambjent.
- **Bini tal-kapaċità:** il-ħtieġa li tiġi żviluppata t-tmexxija komunitarja, appoġġ għall-attivitajiet komunitarji u n-networking.
- **Nuqqas ta’ parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet:** il-promozzjoni tal-inklużjoni u l-involvement, qafas ta’ governanza ċċarat li jinkorpora rabtiet vertikali u orizzontali.

(ii) L-opportunitajiet għaż-żoni rurali:

Opportunitajiet ekonomiċi:

- **L-implimentazzjoni u t-tħaddin tal-innovazzjoni** (innovazzjoni ekonomika u innovazzjoni soċjali, inkluż in-networking biex tiżdied l-iskala).
- **It-tranżizzjoni ekoloġika u l-ekonomija ekoloġika** (inkluż l-agrikoltura sostenibbli, l-enerġija rinnovabbli, il-valur tas-servizzi tal-ekosistema).

Attrazzjoni:

- **Kwalità tal-ħajja oġhla** (prossimità għan-natura).
- **Is-sens ta' appartenenza.**
- **L-inklużjoni u l-involviment.**

## 5. MESSAĠĠI EWLENIN MILL-PROĊESS TA' KONSULTAZZJONI

Wara li ġew analizzati r-risultati tal-proċess ta' konsultazzjoni elenkati hawn fuq, huwa possibbli li l-kontribut jiġi kkategorizzat f'(i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi urġenti għaż-żoni rurali, (ii) L-opportunitajiet għaż-żoni rurali, (iii) Elementi ewlenin għall-iżvilupp tal-istrateġija u (iv) Azzjonijiet speċifiċi proposti.

### (i) Il-ħtiġijiet u l-isfidi urġenti għaż-żoni rurali:

Il-partijiet ikkonċernati wrew livell għoli ta' unanimità meta tkellmu dwar l-**infrastruttura fiż-żoni rurali**. Hemm perċezzjoni ġeneralizzata ta' nuqqas ta' infrastruttura ta' kwalità tajba għal diversi żoni rurali; l-infrastruttura tat-trasport u l-infrastruttura tal-konnettività.

Fir-rigward tal-**konnettività**, ġie enfasizzat l-aċċess inadegwat u xi drabi batut ħafna għall-infrastruttura diġitali f'għadd ta' żoni rurali. Barra minn hekk, il-partijiet ikkonċernati indikaw il-ħiliet diġitali baxxi tal-popolazzjoni rurali u l-livell baxx ta' innovazzjoni diġitali fl-SMEs rurali. Dawn it-tliet elementi jaffettwaw b'mod negattiv il-kapaċità taż-żoni rurali li jaderixxu mat-trasformazzjoni diġitali.

**In-nuqqas ta' servizzi bażiċi u kumditajiet.** F'diversi reġjuni rurali, hemm nuqqas ta' servizzi pubbliċi ewlenin, servizzi bħat-trasport pubbliku, opportunitajiet ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, banek, uffiċċji postali u problemi relatati mal-ġestjoni tal-ilma. Il-biċċa l-kbira tal-linji ta' konsultazzjoni enfasizzaw il-problema ta' servizzi pubbliċi, skejjel u kura tas-saħħa u soċjali ta' kwalità baxxa, problemi li jintensifikaw aktar ma tkun remota ż-żona rurali.

F'ċerti Stati Membri, il-partijiet ikkonċernati semmew ukoll is-sitwazzjoni ta' **akkomodazzjoni insuffiċjenti u mhux xierqa** fiż-żoni rurali biex jissodisfaw il-ħtiġijiet attwali. Pereżempju, in-nuqqas ta' kiri ta' djar affordabbli jew id-diffikultà biex jinstabu proprjetajiet għall-bejgħ.

Iċ-ċittadini tal-UE jqisu t-**theddid għall-ambjent** fost il-ħtiġijiet li għandhom jiġu indirizzati fiż-żoni rurali. L-aktar kwistjoni msemmija hija l-impatt antropoġeniku fuq il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma u t-tibdil fil-klima.

Il-partijiet ikkonċernati esprimew b'mod konsistenti l-ħtieġa ta' **bini tal-kapaċità** biex jiġu żviluppanti t-tmexxija komunitarja u biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet u l-attivitajiet komunitarji. Hemm ħafna kapaċità eżistenti għal appoġġ soċjali reċiprodu, iżda teħtieġ appoġġ biex tiġi żviluppata, speċjalment f'żoni fejn il-popolazzjoni qed tonqos.

Hemm hteġa ta' aktar **parteċipazzjoni tal-komunitajiet rurali fit-teħid ta' deċiżjonijiet** li jaffettwawhom. Din teħtieġ miżuri attivi biex jintlaħqu u jiġu involuti l-membri kollha tal-komunità, inkluż iż-żgħażaġh u dawk li waslu reċentement, u qafas ta' governanza xieraq.

Il-ħtiġijiet ekonomiċi u l-opportunitajiet ekonomiċi huma essenzjali biex tiġi appoġġata l-popolazzjoni fiż-żoni rurali. In-nies li jgħixu f'żoni rurali għandhom nuqqas ta' impjiegi ta' kwalità u **opportunitajiet tax-xogħol ta' kwalità**. Ċerti partijiet ikkonċernati enfasizzaw li fiż-żoni rurali, l-isfruttament tal-valur miżjud reġjonali huwa limitat, inkluż permezz tat-turiżmu. F'ċerti żoni rurali, in-nuqqas ta' diversifikazzjoni ekonomika u ta' attivitajiet ekonomika jgħid li inqas opportunitajiet ta' xogħol u b'hekk jikkontribwixxi għaċ-ċirku vizzjuż. **Livelli ta' introjtu aktar baxx**, bħal fis-settur agrikolu, ma jiffavorixxux ir-residenza ta' persuni f'żoni rurali, u minbarra dan, għandhom rwol negattiv fin-nuqqas ta' kapaċità ta' investiment ta' intraprendituri potenzjali. Huma meħtieġa sforzi biex jinżammu t-teħid tad-deċiżjonijiet kummerċjali u l-valur miżjud fiż-żoni rurali, minflok jiġu esportati kemm il-poter kif ukoll il-qliġh.

L-**agrikoltura** għadha titqies bħala settur li jiżgura s-sostenibbiltà taż-żoni rurali, kif ukoll is-settur agroalimentari usa'. Madankollu, l-agrikoltura ssofri minn **tiġdid ġenerazzjonali** limitat u hija pperikolata mill-vijabbiltà ta' azjendi agrikoli żgħar. Hemm hteġa rikonoxxuta li l-agrikoltura ssir aktar sostenibbli.

Iż-żoni rurali jsofru minn tibdil demografiku bħat-**tixjiħ tal-popolazzjoni u b'mod speċjali tnaqqis drammatiku fil-popolazzjoni** f'xi żoni rurali. Jeħtieġ li r-reġjuni f'riskju jiġu identifikati u li jiġu adottati miżuri li jfittxu riekwilibriju territorjali. Xi partijiet ikkonċernati jappoġġaw miżuri ta' diskriminazzjoni pożittiva għal reġjuni li qed jesperjenzaw depopolazzjoni. Huma meħtieġa approċċi innovattivi għall-forniment tas-servizzi, b'mod partikolari f'dawn iż-żoni.

Għandu jiġi enfasizzat li **aktar minn 40 % tar-rispondenti tal-OPC li jgħixu f'żoni rurali jħossuhom li ntesew mis-soċjetà**; is-sehem huwa oġhla fost iċ-ċittadini li jgħixu f'żoni rurali remoti. Ir-raġunijiet għal din il-perċezzjoni miċ-ċittadini rurali jirreferu għal: infrastruttura u servizzi deterjorati; nuqqas ta' opportunitajiet ekonomiċi; l-ebda kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet speċifiċi fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi.

(ii) Opportunitajiet għaż-żoni rurali:

Opportunitajiet ekonomiċi:

- **L-agrikoltura titqies li tiżgura s-sostenibbiltà** permezz tal-ħolqien tal-impjiegi, l-aċċess għal ikel ta' kwalità għolja u affordabbli, u ż-żamma tal-pajsaġġi rurali. Filwaqt li ż-żoni rurali mhumie x biss l-agrikoltura, l-agrikoltura għad għandha rwol ewlieni fin-nisġa rurali. L-**agrikoltura sostenibbli** għandha rwol importanti fit-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika, u fl-iżgurar tar-reżiljenza fiż-żoni rurali. Fil-futur, l-agrikoltura jenħtieġ li tkun aktar sostenibbli, ikollha konnessjonijiet lokali aktar b'saħħithom (ktajjen tal-provvista qosra) u ktajjen tal-valur diversi. Barra minn hekk, jeħtieġ li jibqa' jsir investiment fit-taħriġ tal-ġenerazzjoni li jmiss ta' bdiewa u esperti fl-“indikazzjonijiet ġeografiċi” (IG) li jistgħu jieħdu f'idejhom l-attivitajiet, peress li t-tiġdid ġenerazzjonali jinsab f'riskju.
- **L-implimentazzjoni u t-tħaddin tal-innovazzjoni** fl-aspetti kollha huma essenzjali għall-futur taż-żoni rurali – diġitali, tal-produzzjoni, soċjali, immexxija mill-komunità.

L-innovazzjonijiet soċjali – immexxija mill-komunità u bbażati fuq il-komunità – huma partikolarment rilevanti għaż-żoni rurali, u jeħtieġ li jiġu msaħħa u mrawma għall-futur. L-aċċess għall-opportunitajiet ekonomiċi huma meqjusa bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għal żoni attraenti fuq medda ta' żmien twila.

It-tranzizzjoni ekoloġika:

- It-tranżizzjoni ekoloġika jenħtieġ li titqies bħala benefiċċju, mhux piż. Iż-żoni rurali jinsabu f'pożizzjoni tajba biex jibnu fuq l-assi naturali tagħhom b'enfasi akbar fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih. Dan jeħtieġ rikonossiment aħjar tas-servizzi tal-ekosistema, u approċċ inklużiv li jappoġġa tranżizzjoni ġusta.

Is-servizzi u l-konnettività:

- **L-attraenza taż-żoni rurali hija kkundizzjonata minn diversi fatturi**, speċjalment mill-forniment ta' servizzi (elettroniċi)(saħħa u edukazzjoni), konnettività aħjar tal-internet u aktar persuni li jgħixu f'żoni rurali. L-aċċess għall-**faċilitajiet tal-kura** huwa meqjus bħala wieħed mill-fatturi ewlenin għal żoni attraenti fuq medda ta' żmien twila.
- **Approċċi għall-mobbiltà innovattivi u alternattivi** jistgħu jnaqqsu l-ispejjeż u l-impatt fuq il-klima, u jtejbu l-aċċessibbiltà.

Attraenza:

- Kwalità tal-ħajja ogħla, il-prossimità għan-natura u sens ta' appartenenza huma fost **id-diversi raġunijiet biex wieħed jibqa' jew imur jgħix f'żoni rurali.**
- L-importanza tas-**sens ta' appartenenza** hija element ewlieni tal-attraenza għaż-żoni rurali. Iż-żoni rurali fl-2040 jenħtieġ li jkunu miftuħin u li jaraw li kulħadd iħossu inkluż irrispettivament mill-grupp etniku, il-ġeneru, l-età, id-diżabilità, u l-oriġini. Dan jeħtieġ li ssir ħidma fuq il-ħtiġijiet kemm ta' persuni ġodda kif ukoll ta' residenti attwali.
- L-importanza li jiġi ppreservat il-karattru “rurali” ġiet enfasizzata wkoll (“*ir-rurali jenħtieġ li jibqa' rurali*”).
- L-apprezzament taż-żoni rurali wara l-pandemija (inqas folol, inqas kontaminazzjoni; it-telexogħol jippermetti x-xogħol mill-kampanja)

Minbarra l-analiżi tal-opportunitajiet u l-ħtiġijiet enfasizzati, element ewlieni għaż-żoni rurali huwa li **tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħhom**, li jfisser li ż-żoni rurali jimxu lejn tranżizzjoni ġusta, ekoloġika u inklużiva. Ir-reżiljenza tinkludi elementi soċjali, ekoloġiċi u ekonomiċi. Il-partijiet ikkonċernati jqisu li l-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti tista' żżid il-valur, madankollu qed issir ħafna enfasi fuq id-diversità. Id-diversifikazzjoni u l-kooperazzjoni huma elementi ewlenin importanti tar-reżiljenza rurali.

(iii) Elementi ewlenin għall-istrateġija:

Il-proċessi differenti ta' konsultazzjoni enfasizzaw il-ħtieġa ta' **strateġija olistika fit-tul, fuq skala xierqa, żviluppata permezz ta' proċessi minn isfel għal fuq li jinvolvu lill-komunitajiet lokali:** b'approċċ olistiku, inklużiv, flessibbli u bbażat fuq il-post. Il-partiċipanti fil-linji ta' konsultazzjoni indikaw l-elementi li ġejjin li għandhom jiġu indirizzati mill-Viżjoni:

- **It-titjib tal-aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi.** Xi partijiet ikkonċernati appoġġaw l-istabbiliment ta' minimu bażiku (parametru referenzjarju) għad-disponibbiltà tal-infrastruttura/tas-servizzi fiż-żoni rurali.
- **Il-ħolqien tal-impjiegi u l-appoġġ għall-intraprenditorija u l-innovazzjoni rurali.** L-importanza li tiġi appoġġata l-innovazzjoni, **l-implimentazzjoni u t-tħaddin tal-innovazzjoni fl-aspetti kollha** – diġitali, tal-produzzjoni, soċjali, immexxija mill-komunità – hija essenzjali. L-innovazzjonijiet soċjali – immexxija mill-komunità u bbażati fuq il-komunità – huma partikolarment rilevanti għaż-żoni rurali, u jeħtieġ li jiġu msaħħa u mrawma għall-futur.
- **It-titjib tal-konnettività u s-soluzzjonijiet diġitali** li jappoġġaw lill-irħula intelliġenti biex ifeġġu u jiżviluppaw Il-broadband huwa infrastruttura bażika, fuq l-istess livell bħall-ilma u l-elettriku. Sabiex isir l-aħjar użu mid-diġitalizzazzjoni, hemm bżonn li jiġu żviluppati ħiliet u applikazzjonijiet imfassla apposta għall-ħtiġijiet rurali permezz ta' ekosistemi diġitali. L-infrastruttura, il-ħiliet u l-applikazzjonijiet jenħtieġ li jkunu disponibbli, affordabbli u aċċessibbli. Taħriġ u appoġġ xierqa biex jiġi żviluppat il-litteriżmu diġitali huma kruċjali.
- **L-ilħuq tal-miri dwar il-klima, l-enerġija u l-bijodiversità.** Il-bini fuq l-assi naturali taż-żoni rurali biex jikkontribwixxu għall-miri nazzjonali, fi ħdan qafas ta' politika u regolatorju xieraq li jżomm is-sjieda, il-kontroll u l-valur fil-komunitajiet rurali.
- **L-indirizzar tal-isfidi demografiċi** inkluż id-depopolazzjoni, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-inugwaljanza bejn il-ġeneri.

**L-impjiegi u l-innovazzjoni, l-aċċess għall-infrastruttura u s-servizzi,** kif ukoll il-**konnettività diġitali** huma identifikati bħala l-prijoritajiet ewlenin għall-Viżjoni fit-tul u l-Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE.

Il-proċessi ta' konsultazzjoni differenti enfasizzaw **l-importanza ta' approċċ minn isfel għal fuq li jista' jqis id-diversità taż-żoni rurali u jinvolvi lill-komunitajiet rurali.** Il-viżjoni jeħtieġ li **tippromwovi l-inklużjoni u l-involviment tal-firxa sħiħa ta' gruppi differenti** (iż-żgħażaġħ, il-migranti, l-anzjani, in-nisa, il-minoranzi, eċċ.). Żoni vibranti fil-futur jiddependu fuq il-konnessjonijiet mibnija, il-fiduċja, id-diversità u s-sjieda ta' kwalunkwe politika. B'approċċi minn isfel għal fuq, bi flessibbiltà u bi sjieda reali tal-attivitajiet, jinħolqu ħafna opportunitajiet fejn jirbaħ kulħadd – li jgħibu benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali lill-komunità lokali u lil hinn minnha. **Barra minn hekk, hemm il-ħtieġa li jkun hemm kooperazzjoni fil-livelli kollha.** L-iskambji, il-ħidma flimkien u l-ħolqien ta' konnessjonijiet (komunikazzjoni miftuħa) huma kruċjali fil-livelli kollha, u għat-tipi kollha ta' attività (ekonomika, soċjali u ambjentali), peress li jistgħu jgħibu l-esperjenzi, jippermettu l-appoġġ u jlaqqgħu flimkien lill-komunitajiet. Peress li ż-“Żgħir ma jistax jagħmel kollox waħdu”, il-bini ta' aġendi komuni huwa importanti ħafna.

- Ħafna parteċipanti enfasizzaw l-iskop tal-użu ta' strumenti eżistenti, b'mod partikolari LEADER, biex jgħinu fit-tfassil u fit-twettiq tal-viżjoni tal-futur fil-livell lokali. Il-parteċipanti enfasizzaw **l-importanza li l-komunitajiet lokali jingħataw is-setgħa** billi jissaħħu l-inizjattivi eżistenti bħall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali (GAL) u l-metodoloġija LEADER għat-tfassil ta' azzjonijiet ta' żvilupp rurali u l-istimolu tal-kontribut attiv tagħhom għat-tfassil tal-politika tal-UE.
- **L-approċċi parteċipattivi** jitqiesu wkoll li jiżguraw il-kontribut attiv u dirett tan-nies rurali fil-proċessi tat-tfassil tal-politika.

- **Il-kooperazzjoni u n-networking**, b'impenn fil-livell lokali, bħala alternattiva għar-rotta tradizzjonali ta' konsolidazzjoni. In-networks jistgħu joperaw tul id-distanzi, u ma għandhomx għalfejn jinvolvu prossimità ġeografika.
- **Ir-rabtiet bejn iż-żoni rurali u dawk urbani** jeħtieġ li jkunu regolati minn sħubijiet ibbilanċjati li jiżguraw kundizzjonijiet ekwivalenti. Ir-rabtiet bejn iż-żoni rurali wkoll jenħtieġ li jiġu promossi.

(iv) Azzjonijiet speċifiċi proposti:

L-atturi pproponew għadd ta' miżuri speċifiċi biex jindirizzaw l-isfidi deskritti u biex jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet enfasizzati filwaqt li jipproponu strumenti u għodod speċifiċi. Biex jiġi appoġġat l-iżvilupp rurali, il-politika tal-UE u livelli oħra ta' gvernijiet jistgħu:

- Itejbu l-aċċess u jipprovdu **appoġġ ekonomiku u finanzjarju**, inkluż appoġġ għal proġetti lokali u aċċess għal finanzjament, jew finanzjament tal-UE jew investiment privat għal atturi rurali. Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati ġibdu l-attenzjoni lejn il-ħtieġa **li tiġi ffaċilitata l-kombinazzjoni ta' strumenti differenti għall-iżvilupp territorjali** (eż. finanzjament multiplu bejn il-FEŻR jew il-FSE+ u l-FAEŻR). Dwar is-suġġett tal-finanzjament, il-partijiet ikkonċernati semmew ukoll il-ħtieġa li titnaqqas il-burokrazija li spiss tagħmilha diffiċli li jiġu żviluppanti inizjattivi pożittivi minn isfel għal fuq - it-tneħħija ta' dawn l-ostakli se tiżblokka l-potenzjal tal-inizjattivi rurali.
- **Ikompli jittejjeb l-immirar tal-politiki lejn il-ħtiġijiet lokali.** Hemm il-ħtieġa ta' oqfsa ta' politika jew regulatorji flessibbli biex jippermettu u jappoġġaw l-azzjonijiet lokali, b'impenn politiku qawwi u b'responsabbiltà għal segwitu fil-livelli kollha – tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. **Mekkaniżmu ta' verifika tal-impatt fuq iż-żoni rurali** jista' jeżamina politiki differenti (inklużi politiki dwar l-Għajnuna mill-Istat u politiki fiskali) minn "lenti rurali". Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw li dan il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibda immedjatament u għandu jinkludi programmi ta' finanzjament.
- **L-għoti tas-setgħa lill-komunitajiet lokali billi jissaħħu l-inizjattivi eżistenti** (bħall-GAL u LEADER) u jiġi stimolat il-kontribut attiv tagħhom għat-tfassil tal-politika. Hemm ħtieġa qawwija li jitrawwem u jiġi appoġġat il-bini tal-kapaċità, jiġu involuti l-atturi lokali u jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-għarfien u s-soluzzjonijiet biex jiġi żblukkat il-potenzjal għall-innovazzjoni, li fiż-żoni rurali spiss ikun kollettiv (innovazzjoni soċjali). Dan jeħtieġ li tiġi żviluppata t-tmexxija komunitarja u li jingħata appoġġ għall-attivitajiet komunitarji u n-networking. Huma meħtieġa sensara/animaturi tal-innovazzjoni lokali biex tinżera' ż-żerriegħa tal-bidla. LEADER għandu rwol f'dan ir-rigward. Il-potenzjal taċ-**ċentri rurali** ġie enfasizzat ħafna.
- **Jenħtieġ li tkun disponibbli data** biex tappoġġa l-ħolqien ta' mudelli ekonomiċi ffukati mhux fuq it-tkabbir, iżda fuq il-kwalità tal-ħajja/il-benesseri. Jeħtieġ li tinholq, tiġi kkomunikata u kondiviża/użata *data*, kif meħtieġ biex jiġi apparessat il-kontribut taż-żoni rurali u tiġi segwita l-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni. Huma meħtieġa mudelli analitiċi u *data* biex inlestu għall-futur. F'dan il-kuntest, ġiet issuġġerita l-idea ta' **osservatorju rurali** bħala mekkaniżmu possibbli li għandu jiġi stabbilit.

- Azzjonijiet oħrajn issuġġeriti kienu jikkonċernaw diversi aspetti soċjali, **kulturali, ekonomiċiu ambjentali**.

B'mod ġenerali, hemm appoġġ qawwi ħafna madwar l-UE għal Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali bi pjan ta' azzjoni.

## **6. KIF TQIES IL-FEEDBACK**

Il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar il-viżjoni fit-tul u l-azzjonijiet meħtieġa ġew analizzati u ttieħdu inkunsiderazzjoni kemm jista' jkun. Għalhekk, il-Komunikazzjoni dwar il-viżjoni fit-tul tinkludi Pjan ta' Azzjoni Rurali tal-UE b'azzjonijiet konkreti li jindirizzaw l-isfidi u l-opportunitajiet enfasizzati fil-konsultazzjoni pubblika u ppreżentati hawn fuq. Il-Viżjoni tindirizza 4 blokko li jirreferu għal żoni rurali aktar b'saħħithom, konnessi, reżiljenti u prosperużi. Il-Kummissjoni nnotat it-talba qawwija biex jiġu indirizzati kwistjonijiet relatati mal-governanza u fil-Komunikazzjoni tipproponi wkoll li tressaq proċess parteċipattiv tal-UE, marbut mal-Kumitat tar-Reġjuni, li jinvolvi l-livelli lokali ta' governanza biex tiġi eżaminata t-triq lejn il-Viżjoni.

Għadd ta' azzjonijiet proposti mill-partijiet ikkonċernati fil-konsultazzjoni jittrattaw – jew huma l-kompetenza esklużiva ta' – l-Istati Membri. Għalhekk, l-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet se tiddependi fuq l-impenn tal-Istati Membri permezz tal-Patt Rurali propost. Il-Kummissjoni hija lesta li tappoġġa u li tikkomplementa l-azzjonijiet tal-Istati Membri f'dan il-qasam.

**Anness 1. Avvenimenti fil-kuntest tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni tal-Viżjoni fit-Tul għaż-Żoni Rurali tal-UE.**

Data	Avveniment	Organizzatur	Punti ewlenin tad-diskussjoni
26/05/2020	It-13-il <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp ta' Tmexxija (SG) tan-Networks Rurali	DĠ AGRI	<p>Il-laqgħa serviet biex tinforma lill-membri tal-SG dwar l-għanijiet u l-proċess għall-Viżjoni fit-tul għaż-żoni rurali (LTVRA).</p> <p>Grupp fil-mira: membri tal-governanza tan-Networks Rurali tal-UE (awtoritajiet pubbliċi, soċjetà ċivili, GAL ta' LEADER, konsulenti tan-networks/riċerkaturi eċċ.).</p>
02/09/2021	Laqgħa ta' rieżami ta' DESIRA	L-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA)	<p>DESIRA ppreżentat il-brief tagħha għal-LTVRA dwar il-punti li jagħmlu d-differenza mill-lat diġitali fl-agrikoltura, fil-forestrija u fiż-żoni rurali.</p> <p>Grupp fil-mira: Xjentisti u esperti tal-Kummissjoni Ewropea.</p>
22-23/09/2020	L-ewwel <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp Tematiku (TG) dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul	ENRD	<p>Il-laqgħa serviet biex twitti t-triq għall-ħidma fuq l-LTVRA, biex tinbeda l-ħidma fuq l-Eżerċizzju ta' Prospettiva u ddiskutiet il-passi biex tinkoraġġixxi l-involviment tal-partijiet ikkonċernati.</p> <p>Grupp fil-mira: esperti u prattikanti fl-iżvilupp rurali.</p>
06/10/2020	Kumitat għall-Iżvilupp Rurali	DĠ AGRI	<p>Informazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali u dwar ir-rapport dwar l-impatt tat-tibdil demografiku – l-ebda kumment.</p> <p>Grupp fil-mira: l-awtoritajiet nazzjonali li jittrattaw l-iżvilupp rurali.</p>
08/10/2020	L-14-il <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp ta'	DĠ AGRI	Informazzjoni dwar il-passi ppjanati għall-iżvilupp tal-



	Tmexxija tan-Networks Rurali		<p>LTVRA. Skambju dwar ir-rwol li huma u n-networks jista' jkollhom biex jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati f'dan il-proċess.</p> <p>Grupp fil-mira: membri tal-governanza tan-Networks Rurali tal-UE (awtoritajiet pubbliċi, soċjetà ċivili, GAL ta' LEADER, konsulenti tan-networks/riċerkaturi eċċ.).</p>
11/10/2020	Reto "España Vacuada"	DG COMM	<p>Imħasseb ħafna dwar id-depopolazzjoni u t-tiġdid ġenerazzjonali. Il-ħtieġa li jiġu appoġġati l-ħiliet diġitali għan-nies fiż-żoni rurali, b'mod partikolari l-anzjani.</p> <p>Grupp fil-mira: il-partijiet ikkonċernati rurali minn żoni affettwati mid-depopolazzjoni.</p>
12/10/2020	It-3rd Citizen Engagement and Deliberative Democracy Festival	JRC	<p>Preżentazzjoni tal-LTVRA li tiffoka fuq il-pakkett ta' ħidma għall-partijiet ikkonċernati u l-iskop għall-użu f'kuntesti ta' politika oħrajn.</p>
13/10/2020	EWRC ESPON ESCAPE	REGIO/ESPON ESCAPE	<p>Ir-rispons għall-preżentazzjoni tal-proġett ta' riċerka, l-għoti ta' informazzjoni dwar l-LTVRA u l-wiri tar-rabtiet/tar-rilevanza politika tal-proġett.</p>
13/10/2020	EWRC - Il-viżjoni taż-żgħażaġh għaż-żoni rurali u d-diġitalizzazzjoni	Il-Faċilità ta' Appoġġ tan-Network tal-BCO	<p>Preżentazzjoni tal-LTVRA u dibattitu mal-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh.</p> <p>Grupp fil-mira: iż-żgħażaġh rurali.</p>
20/10/2020	<a href="#">Laqgħa</a> interim tat-TG dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul	ENRD	<p>Il-laqgħa komplet il-ħidma mwettqa matul l-ewwel Laqgħa tat-TG dwar l-Eżerċizzju ta' Prospettiva mal-JRC.</p> <p>Grupp fil-mira: esperti u</p>

			prattikanti fl-iżvilupp rurali.
22/10/2020	It-18-il <a href="#">laqgħa</a> tan-Network Rurali Nazzjonali (NRN)	ENRD	<p>Il-laqgħa infurmat lin-NRN dwar l-LTVRA u ħeġġithom jinvolvu lill-partijiet ikkonċernati fil-pajjiżi rispettivi tagħhom. Kienet tinkludi preżentazzjoni mid-DĠ AGRI u skambju qasir dwar is-Sett ta' Għodod tas-Sessjoni ta' Ħidma tal-Partijiet Ikkonċernati biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati rurali.</p> <p>Grupp fil-mira: Unitajiet ta' Appoġġ tan-Networks Rurali Nazzjonali.</p>
12/11/2020	Sessjoni ta' ħidma dwar ir-riċerka u l-politika rurali	REA u AGRI	<p>Preżentazzjoni tal-LTVRA lil 19-il proġett ta' riċerka u innovazzjoni rurali ffinanzjati taħt Orizzont 2020 u diskussjoni dwar ir-riżultati u l-inputs potenzjali tagħhom.</p> <p>Gruppi fil-mira: Xjentisti u esperti tal-Kummissjoni Ewropea.</p>
23/11/2020	Seminar ta' politika	Il-konsorzju RELOCAL	<p>Perċezzjonijiet ta' inġustizzja spazjali. Ir-rispons għas-sejbiet tal-proġett. Informazzjoni dwar il-Viżjoni Rurali.</p> <p>Grupp fil-mira: xjentisti u dawk li jfasslu l-politika.</p>
24/11/2020	Laqgħa man-nisa rurali - Castellón, Extremadura) u Albacete (ES)	Europe Direct Extremadura	<p>L-irkupru tal-UE jeħtieġ l-irkupru taż-żoni rurali. It-tiġdid ġenerazzjonali jenħtieġ li jagħti attenzjoni partikolari lill-ġeneru. Il-PAK jeħtieġ li ttejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Huwa importanti li titqies ukoll is-sitwazzjoni tan-nisa anzjani fiż-żoni rurali.</p>

			Grupp fil-mira: in-nisa rurali.
24/11/2020	Is- <a href="#">Sessjoni ta' Ħidma</a> tal-ENRD għan-Networks Rurali Nazzjonali dwar il-Valorizzazzjoni u l-Komunikazzjoni ta' Proġetti ta' Suċċess	ENRD	Is-sessjoni ta' ħidma informat lin-NRN dwar l-LTVRA, sorsi rilevanti ta' informazzjoni bħall-Portal tal-Viżjoni Rurali tal-ENRD, u kkondividiet feedback dwar l-attivitajiet ippjanati tan-NRN biex jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati fil-proċess tal-LTVRA.  Grupp fil-mira: Unitajiet ta' Appoġġ tan-Networks Rurali Nazzjonali.
26/11/2020	Reto demográfico - Next Generation EU27	Europe Direct Castellón	Il-ħtieġa li jiġu żgurati servizzi bażiċi, li jiġu appoġġati l-muniċipalitajiet żgħar u li jiġu indirizzati l-isfidi demografiċi fi strateġija demografika.  Grupp fil-mira: il-persuni rurali minn żoni affettwati mid-depopolazzjoni.
27/11/2020	<a href="#">Webinar</a> : “A European Rural Aġenda needed after COVID crisis”	Kumitat tar-Reġjuni	Il-Punt ta' Kuntatt tal-ENRD ippreżenta l-ħidma u r-riżultati dwar ir-reazzjonijiet rurali għall-COVID u r-rabtiet mal-LTVRA.  Grupp fil-mira: il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Intergruppi tal-PE, il-partijiet ikkonċernati.
02-03/12/2020	It-tieni <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp Tematiku (TG) dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul	ENRD	Il-laqgħa kompliet il-ħidma fuq l-Eżerċizzju ta' Prospettiva biex tiżviluppa ulterjorament ix-xenarji. Kien hemm ukoll sessjoni fejn ġew diskussi l-attivitajiet għall-involvement tal-partijiet ikkonċernati fil-LTVRA.  Grupp fil-mira: esperti u prattikanti fl-iżvilupp rurali.

04/12/2020	Is-seba' laqgħa tal- <a href="#">Assemblea</a> tan-Networks Rurali tal-UE	DĠ AGRI	<p>L-Assemblea serviet biex tinforma lill-membri dwar il-passi li qed jittieħdu biex tiġi żviluppata l-LTVRA (inputs mid-DĠ AGRI) u ddiskutiet ir-rwol li jista' jkollhom fl-involvement tal-partijiet ikkonċernati.</p> <p>Grupp fil-mira: membri tal-governanza tan-Networks Rurali tal-UE (l-awtoritajiet pubbliċi, is-soċjetà ċivili, il-GAL tal-LEADER, il-konsulenti/ir-riċerkaturi tan-networks eċċ.).</p>
11/01/2021	Laqgħa ta' rieżami tar-RURALIZATION	REA	<p>Il-proġett Ruralization ippreżenta ħidma dwar ix-xejriet u l-ħolm rurali taż-żgħażaġħ bħala inputs importanti.</p> <p>Grupp fil-mira: Xjentisti u esperti tal-Kummissjoni Ewropea.</p>
27/01/2021	It-tielet <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp Tematiku (TG) dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul	ENRD	<p>Il-laqgħa qieset il-messaġġi ewlenin li ħarġu mill-ħidma mwettqa sa issa mill-partijiet ikkonċernati u mill-proġetti madwar l-UE, u skambjat il-linji komuni u l-bidliet gradwali meħtieġa biex jiġi żgurat li l-LTVRA futura ssir realtà għall-komunitajiet rurali mal-Ewropa kollha.</p> <p>Grupp fil-mira: esperti u prattikanti fl-iżvilupp rurali.</p>
28/01/2021	Laqgħa tan-NRN Franċiż (reġjuni)	NRN Franza (Reġjuni)	<p>Laqgħa ma' RED, ANCT, LEADER ta' Franza u ma' NRN reġjonali u mal-ENRD bi preżentazzjoni qasira li tiddekrivi l-proċess tal-LTVRA u l-passi li jmiss.</p> <p>Grupp fil-mira: il-membri tan-networks rurali Franċiżi.</p>

11/02/2021	Id-19-il <a href="#">laqgħa</a> tan-NRN	ENRD	<p>Il-laqgħa kkondividiet ir-riżultati inizjali tad-diskussjonijiet organizzati rispettivi tal-partijiet ikkonċernati tan-NRN u ddiskutiet l-involvement tagħhom fil-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali li jmiss.</p> <p>Grupp fil-mira: Unitajiet ta' Appoġġ tan-Networks Rurali Nazzjonali.</p>
11/02/2021	Grupp ta' djalogu ċivili dwar l-iżvilupp rurali	AGRI	<p>L-importanza taż-żgħażaġh u d-diġitali ("Mingħajr fibra m'hemmx żgħażaġh; mingħajr żgħażaġh m'hemmx żoni rurali vibranti")</p> <p>L-importanza tal-agrikoltura lil hinn mill-ekonomija u l-impjiegi - il-pajsaġġ, l-ambjent, il-kwalità tal-ħajja; l-Impatt tal-COVID (għajnejn ġodda għaż-żoni rurali). Preżentazzjoni tat-tagħlimiet meħuda mir-riċerka.</p> <p>Grupp fil-mira: il-partijiet ikkonċernati li jittrattaw l-iżvilupp rurali.</p>
22-26/03/2021	Il-Ġimgħa tal-Viżjoni Rurali: <i>Nimmaġinaw il-futur taż-żoni rurali tal-Ewropa</i>	ENRD	<p>Avveniment online parteċipattiv fuq skala kbira madwar il-Viżjoni fit-Tul – id-dettalji fil-pt. 3(f).</p> <p>Grupp fil-mira: firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati fl-iżvilupp rurali inklużi l-NGOs/assoċjazzjonijiet, in-Networks Rurali Nazzjonali, il-GAL tal-LEADER, l-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u l-korpi li jirrappreżentaw l-amministrazzjoni reġjonali u lokali, ir-riċerkaturi, l-istituzzjonijiet tal-UE, eċċ.</p>
05/05/2021	Ir-raba' <a href="#">laqgħa</a> tal-Grupp Tematiku (TG)	ENRD	<p>Il-laqgħa qieset il-messaġġi ewlenin li ħarġu mill-Ġimgħa tal-</p>

	dwar il-Viżjoni Rurali fit-Tul		<p>Viżjoni Rurali, qasmet l-esperjenzi mill-Istati Membri li żviluppaw l-istrateġiji jew l-aġendi rurali integrati tagħhom stess, u qieset kif il-partijiet ikkonċernati jistgħu jgħinu biex il-Viżjoni futura ssir realtà fil-livell lokali u kif in-networks jistgħu jipprovdu l-aħjar appoġġ.</p> <p>Grupp fil-mira: esperti u prattikanti fl-iżvilupp rurali.</p>
Varji	Il-Grupp ta' Ħidma Rurali tal-OECD	OECD	<p>Informazzjoni dwar l-inizjattiva tal-viżjoni rurali, li tenfasizza r-rabtiet mal-attivitajiet tal-OECD.</p> <p>Esperti dwar l-iżvilupp rurali mill-pajjiżi tal-OECD.</p>

**Anness 2 – “Vuċijiet Rurali”: Ħarsa ġenerali lejn il-messaġġi tematiċi ewlenin mis-sessjonijiet ta’ ħidma tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-Rurali (sors: ENRD)**

SUĠĠETTI	TĦASSIB ATTWALI	OPPORTUNITAJIET GĦALL-FUTUR	AZZJONIJIET SPEĊIFIĊI LI JIPPERMETTU TIBDIL GRADWALI
<b>L-infrastruttura u s-servizzi</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Servizzi pubbliċi, skejjel, kura tas-saħħa u soċjali u infrastruttura ta’ kwalità baxxa.</li> <li>• Sistema ta’ trasport u mobbiltà ċċentrata żżejjed fuq l-ibliet.</li> <li>• In-nuqqas ta’ vitalità taċ-ċentri u l-hubs tal-villaġġi u tal-irħula.</li> <li>• In-negliġenza tal-wirt ta’ bini storiku u industrijali.</li> <li>• Akkomodazzjoni insuffiċjenti u mhux xierqa biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali.</li> <li>• Provvista tal-ilma, trattament tal-ilma u ġestjoni tal-ġhargħar u tan-nixfiet inadegwati.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• L-iskop għal <b>innovazzjoni diġitali, ċentri tas-servizzi u skejjel rurali</b> għall-forniment ta’ servizzi rurali</li> <li>• Domanda dejjem akbar għal <b>approċċi għall-mobbiltà rurali sostenibbli</b> usa’ li jibnu fuq l-iżvilupp ta’ rabtiet bejn modi differenti ta’ trasport, servizzi fuq talba u teknoloġiji ġodda.</li> <li>• L-ġhoti ta’ ħajja ġdida liċ-<b>ċentri rurali u l-bini abbandunati</b> biex tinbena identità rurali ġdida.</li> <li>• <b>Stokk dejjem akbar ta’ akkomodazzjoni rurali</b> li jeħtieġ li jiġi ġestit biex isostni d-domandi minn dawk li diġà jgħixu f’żoni rurali u dawk li għadhom kif waslu.</li> <li>• Il-potenzjal ta’ <b>infrastruttura tal-ġestjoni tal-ilma</b> mtejbja biex jiġu indirizzati n-nixfa u l-ġhargħar.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• L-istabbiliment ta’ livell bażi ta’ <b>infrastruttura biex tappoġġa l-funzjonament tal-istat soċjali rurali</b> li jinkludi minimu bażiku ta’ servizzi li jistgħu jitqiesu bħala dritt (eż. l-internet, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi, eċċ.).</li> <li>• L-investiment f’<b>bidla modali mill-karozzi privati għat-trasport pubbliku u l-mobbiltà alternattiva</b> u minn sistemi ta’ trasport li jużaw l-idrokarburi għal sistemi ta’ trasport ta’ wara l-era tal-karbonju.</li> <li>• L-immudellar mill-ġdid taċ-ċentri ta’ residenza u l-immirar tal-<b>investiment fuq bini storiku u tradizzjonali</b> biex dawk li ma għadhomx adatti għall-iskop jiġu ttrasformati f’użi komunitarji u tan-negozju vibranti.</li> <li>• <b>It-titjib tar-reżiljenza tal-infrastruttura tal-ilma</b>, adattata għat-tibdil fil-klima u b’reżiljenza akbar għalih fir-rigward tal-provvisti tal-ilma tax-xorb, is-sistema ta’ drenaġġi, il-ġestjoni tal-ġhargħar, l-ilma tal-maltemp, in-nixfa u l-ħtiġijiet ta’ irrigazzjoni.</li> <li>• <b>Il-bini tal-kapaċità u l-appoġġ għas-servizzi komunitarji/volontarji</b></li> </ul>
<b>Bidla diġitali u teknoloġika</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Aċċess batut għall-infrastruttura diġitali fiż-żoni rurali.</li> <li>• Ħiliet diġitali dgħajfa tal-popolazzjoni rurali.</li> <li>• Livell baxx ta’ innovazzjoni diġitali fl-SMEs rurali.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• It-tfaċċar tal-<b>era diġitali</b>, b’modelli ġodda għall-forniment servizzi rurali bażiċi, impjiegi, prattiki tax-xogħol u aċċess għas-suq.</li> <li>• Domanda dejjem akbar għal <b>servizzi diġitali u innovazzjoni teknoloġika</b> fil-livell lokali (fl-ibliet u fl-azjendi agrikoli).</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-provvista ta’ <b>infrastruttura diġitali</b> affordabbli bħala dritt bażiku, suffiċjenti għall-attività tan-negozju, il-forniment ta’ servizzi elettroniċi u l-ħajja soċjali.</li> <li>• It-tiħiħ tal-<b>litteriżmu diġitali</b> taċ-ċittadini rurali permezz ta’ taħriġ inklużiv, programmi edukattivi u kampanji ta’ informazzjoni, u t-tiħiħ tal-forniment u l-użu tas-servizzi elettroniċi.</li> <li>• L-estensjoni ta’ <b>shubijj għall-innovazzjoni u tal-konsulenti għad-dominju rurali usa’</b> u l-promozzjoni tal-attività tal-innovazzjoni b’mod aktar vigoruż fil-livelli lokali.</li> </ul>
<b>Oġġetti bażiċi/ikel/ l-enerġija</b>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Sistema tal-ikel/tal-enerġija wisq globalizzata li ma tqisx il-potenzjal lokali u li tffisser li l-valur ma jinżammx fiż-żona lokali.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Moviment li qed jikber li jirrivolvi madwar <b>ir-rilokalizzazzjoni ta’ sistemi tal-ikel iqsar</b> u sistemi ta’ prodotti tal-injam iqsar.</li> <li>• It-tfaċċar ta’ żviluppi teknoloġiċi li se jtejbju l-</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• <b>Il-produzzjoni agrikola.</b> Joħorġu żewġ approċċi alternattivi:             <ol style="list-style-type: none"> <li>i) <b>Ir-rilokazzjoni tal-produzzjoni, it-tqassar tal-ktajjen tal-provvista</b> u l-introduzzjoni ta’ prattiki ta’ biedja riġenerattiva u/jew organika bbażati fuq varjetajiet u razez tradizzjonali; u</li> </ol> </li> </ul>

	<ul style="list-style-type: none"> <li>• In-nuqqas ta' pjanijiet ta' suċċessjoni u l-vijabbiltà dubjuża ta' ħafna azjendi agrikoli żgħar.</li> <li>• Servizzi ta' konsulenza inadegwati.</li> <li>• Nuqqas ta' ħiliet fl-agrikoltura riġenerattiva/organika.</li> <li>• Livelli baxxi ta' involviment tal-komunitajiet rurali fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli.</li> <li>• Rikonoxximent dgħajfef tar-rwol tal-użu tal-art fil-qbid tad-diossidu tal-karbonju fl-użu tal-art rurali (ittrattat fil-kapitolu dwar it-tibdil fil-klima).</li> <li>• Nuqqas ta' tħaddin ta' mudelli għal bidla trasformattiva u tranżizzjonijiet ta' sostenibbiltà fl-industrija bażiċi (il-biedja, l-estrazzjoni tal-faħam u l-komunitajiet li jużaw il-faħam), inkluż l-indirizzar tal-burokrazija/tar-regolamentazzjoni.</li> </ul>	<p><b>professjonalizzazzjoni tal-biedja</b> u l-konnessjoni mal-bijoeconomija.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Id-domanda għal <b>razez u prodotti ta' għelejjel speċjalizzati u ta' kwalità għolja</b> bbażati fuq il-bijodiversità/l-identità lokali.</li> <li>• Rikonoxximent dejjem akbar tal-<b>agrikoltura riġenerattiva</b> bħala Prattika ta' Biedja Sostenibbli.</li> <li>• Interess u sensibilizzazzjoni dejjem akbar tal-<b>produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli bbażata fuq il-komunità.</b></li> <li>• L-iskop ta' <b>aċċess għal swieq ġodda</b> permezz tat-teknoloġija diġitali</li> <li>• Id-disponibbiltà ta' <b>strumenti għal bidla trasformattiva integrata</b> bħal Irħula Intelliġenti, Komunitajiet tal-Enerġija, LEADER, politiki tal-ikel lokali, eċċ.</li> <li>• Interess politiku dejjem akbar biex tiġi appoġġata t-<b>"tranżizzjoni ġusta u ekoloġika"</b> fil-komunitajiet rurali b'idrokarburi mhux rekuperabbli jew b'industrija bbażata fuq il-karbonju.</li> </ul>	<p>ii) Il-ħsad tal-frott tat-<b>teknoloġija biex jitnaqqsu l-ispejjeż, l-impatt ambjentali, tizzied il-produttività u jiġu prodotti għelejjel</b> adatti għall-bijoeconomija usa'.</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• It-tnaqqis tal-<b>burokrazija</b> u t-titjib tal-<b>opportunitajiet ta' proċessar</b> kemm għall-ikel lokali kif ukoll għall-ikel li għandu jiġi esportat barra mir-reġjun.</li> <li>• L-appoġġ tad-<b>dħul ta' adulti żgħażaġh fl-industrija bbażati fuq l-art.</b></li> <li>• L-immirar tal-<b>investimenti biex jiġu indotti Prattiki li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent</b> fil-livell individwali (fuq skala żgħira, tal-awtokonsum) (eż. il-permakultura) u t-tiżiħ ta' inizjattivi oħra tal-ikel lokali u organiku.</li> <li>• L-inkoraġġiment ta' <b>teknoloġija moderna fis-settur ibbażat fuq l-art</b> u l-iżvilupp tal-<b>bijoeconomija</b> (eż. il-biedja vertikali, metodi ta' editjar tal-ġenoma).</li> <li>• It-titjib tat-<b>tagħlim tul il-ħajja</b> fis-settur ibbażat fuq l-art li jħaddan il-prinċipji tas-sostenibbiltà u tal-ekonomija ċirkolari.</li> <li>• It-trawwim ta' <b>approċċi ta' ppjanar territorjali wiesgħa</b> (li jmorru lil hinn mill-biedja u l-forestrija) li jappoġġaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija rurali bbażata fuq prinċipji ta' sostenibbiltà u ekonomija ċirkolari.</li> <li>• L-appoġġ għal sistemi/qafas regolatorju li jħeġġu <b>azzjoni reġjonali/komunitarja dwar l-enerġija rinnovabbli</b> u tranżizzjoni għal wara l-karbonju fil-komunitajiet dipendenti fuq il-faħam.</li> </ul>
<p><b>L-introjt, ix-xogħol u l-impjiegi fl-ekonomija usa'</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Sfruttament limitat/iż-żamma tal-valur miżjud reġjonali, inkluż permezz tat-turiżmu.</li> <li>• Żvilupp u valur dgħajfef mogħtija lis-snaġġa' lokali.</li> <li>• Adozzjoni baxxa tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.</li> <li>• Rikonoxximent u appoġġ limitati għal mudelli innovattivi ta' intrapriża u nuqqas ta' valur/rikonoxximent tal-formiment ta' servizzi tal-ekosistema (ESS).</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• It-tfaċċar u r-riinvigorazzjoni ta' setturi tradizzjonali u ġodda (eż. il-biedja soċjali, ix-xogħol tas-snaġġa') u professjonisti li jikkontribwixxu għad-<b>diversifikazzjoni rurali.</b></li> <li>• It-tfaċċar ta' mudelli ġodda għall-appoġġ tal-<b>intraprenditorija u l-innovazzjoni</b> (eż. inkubaturi, ċentri, networks, eċċ.).</li> <li>• Ir-rikonoxximent dejjem akbar tal-valur tal-<b>identità reġjonali</b> u ta' <b>oġġetti u servizzi b'bażi bijoloġika, inkluża l-ESS</b>, abbażi tal-prinċipji tas-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità.</li> <li>• Valur miżjud permezz ta' <b>ċentri tal-iproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni, ktajjen tal-provvista iqsar u turiżmu</b></li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-provvista ta' <b>infrastruttura diġitali</b> tajba bħala prerekwiżit għal ekonomija moderna diversifikata fiż-żoni rurali.</li> <li>• Il-ħolqien ta' <b>kundizzjonijiet xierqa għall-intraprenditorija lokali</b>, biex iżommu lin-nies fil-kampanja u l-iżvilupp ta' approċċi kreattivi <b>għall-promozzjoni tal-intraprenditorija</b> bħal ċentri tat-telexogħol, inkubaturi, il-minimizzazzjoni tal-burokrazija, eċċ.</li> <li>• L-appoġġ għal mudelli ġodda ta' intraprenditorija kollettiva u komunitarja.</li> <li>• L-appoġġ kemm għall-<b>intraprenditorija tas-settur kummerċjali privat kif ukoll għall-intrapriżi soċjali</b> u l-ftuħ għat-trawwim ta' <b>mudelli ġodda ta' xogħol.</b></li> <li>• L-appoġġ għal <b>turiżmu</b> sostenibbli li huwa marbut aħjar mal-offerta speċifika tal-komponenti usa' tal-ekonomija rurali (eż. marbut ma' speċjalitajiet ta' ikel, snaġġa' u riinvigorazzjoni tal-kultura lokali).</li> </ul>



<p><b>L-inklużjoni soċjali u l-vitalità</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• It-tibdil demografiku speċjalment it-tnaqqis drammatiku fil-popolazzjoni f'xi żoni rurali.</li> <li>• Identitajiet diverġenti u s-sens differenti ta' appartenenza tar-residenti rurali.</li> <li>• Nuqqasijiet fl-inklużività u d-diversità f'xi żoni rurali.</li> <li>• Involvement u sħubija limitati tas-soċjetà ċivili f'xi żoni, u l-ħtieġa ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet komunitarji u voluntiera.</li> <li>• Kollaborazzjoni territorjali limitata ma' aġenziji tat-tielet settur.</li> </ul>	<p><b>gastronomiku, soċjali u kulturali.</b></p> <ul style="list-style-type: none"> <li>• Interess dejjem akbar fir-<b>rilokazzjoni lejn żoni rurali u t-telexogħol</b> - li lkoll ġew intensifikati mill-pandemija tal-COVID.</li> <li>• Iż-żieda f'<b>sens kondiviż ġdid ta' komunità</b> u ta' <b>ruralità ġdida</b> ma' residenti eżistenti, dawk ġodda u residenti mhux permanenti.</li> <li>• Il-preżenza ta' <b>identitajiet rurali b'saħħithom</b> li jnaqqsu r-ritmu tal-eżodu rurali.</li> <li>• Ir-rikonoxximent tal-<b>inklużività</b> u d-<b>diversità</b> bħala valuri biex iġibu bidla pożittiva fil-kampanja li bl-integrazzjoni tar-refuġjati u l-migranti.</li> <li>• Domanda dejjem akbar għal <b>servizzi soċjali komunitarji għal persuni f'sitwazzjonijiet tal-ħajja mhux favorevoli.</b></li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• L-istabbiliment ta' <b>politika ta' inċentivi</b> biex iż-żgħażaġħ u l-professjonisti jiġu mħeġġin imorru jgħixu fil-kampanja (eż. <b>inċentivi fiskali</b>, servizzi adegwati) u <b>sistemi ta' appoġġ</b> biex jinstabu impjiegi, djar, eċċ.</li> <li>• L-implimentazzjoni ta' <b>programm ta' attivazzjoni għaż-żgħażaġħ rurali</b> biex jingħataw appoġġ biex ikunu attivi b'mod professjonali fiż-żoni rurali.</li> <li>• L-appoġġ għal <b>azzjonijiet ta' inklużjoni soċjali għar-Rom u għall-migranti</b> permezz tal-PŻR (eż. taħriġ u kisbiet ta' ħiliet għall-agrikoltura).</li> <li>• <b>Il-bini tal-kapaċità/l-appoġġ</b> għall-organizzazzjonijiet komunitarji, eż. l-investigazzjoni ta' <b>forom diġitali ta' ħolqien ta' sens ta' komunità</b> u l-parteċipazzjoni fl-iżvilupp lokali inklużi <b>"banek ta' voluntiera"</b>.</li> <li>• It-tiħiħ tan-<b>networking, tal-kooperazzjoni u tal-bini ta' sħubiji</b> u l-iżgurar tal-<b>parteċipazzjoni taċ-ċittadini rurali fit-teħid tad-deċiżjonijiet</b> eż. permezz ta' LEADER.</li> <li>• Il-promozzjoni ta' <b>bidla fil-valuri fis-soċjetà</b>, il-valorizzazzjoni tal-ħajja rurali.</li> </ul>
<p><b>L-ambjent</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Il-ħsara ambjentali minn sorsi umani, inklużi sistemi ta' produzzjoni rurali li jħallu impatt fuq il-bijodiversità, il-kwalità tal-ilma u t-tibdil fil-klima.</li> <li>• Id-deterjorament fil-kundizzjoni u t-telfien ta' pajsaġġi kulturali u bini storiku.</li> <li>• In-nuqqas ta' kultura ta' protezzjoni tal-ambjent fost in-nies rurali, inklużi dawk li jiġġestixxu l-art.</li> <li>• Skart eċċessiv u nuqqas ta' ġestjoni effettiva tal-iskart.</li> <li>• In-nuqqas ta' viżjoni koerenti jew ta' mekkaniżmi biex jiggwidaw il-bidla fil-ppjanijiet territorjali integrati li jistgħu jiggwidaw kemm il-funzjonijiet produttivi kif ukoll dawk ambjentali tal-art rurali, inklużi mekkaniżmi adegwati biex jippremjaw il-forniment tal-ESS.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• <b>Skop ulterjuri għal azzjoni biex jitnaqqsu l-impatti negattivi ta' sistemi ta' użu intensiv tal-art</b> fuq il-bijodiversità u l-kwalità tal-ilma.</li> <li>• Ir-rikonoxximent tal-effetti pożittivi ta' <b>approċċi mmirati u integrati fuq skala ta' pajsaġġ</b> permezz ta' sħubiji li jinvolvu l-partijiet ikkonċernati ewlenin kollha.</li> <li>• Potenzjal konsiderevoli għall-<b>valorizzazzjoni kemm tal-pajsaġġi kulturali kif ukoll tal-bini tradizzjonali</b> b'modi li jappoġġaw it-turiżmu u attivitajiet soċjali oħra.</li> <li>• Il-potenzjal li <b>jinbidlu l-attitudnijiet tas-soċjetà</b> fid-direzzjoni ta' mgħiba aktar sostenibbli.</li> <li>• Id-disponibbiltà ta' għodod u strumenti biex jiġu żviluppanti <b>strateġiji integrati usa' għas-sostenibbiltà.</b></li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• L-iżgurar ta' <b>politika dwar l-azjendi agrikoli u li s-setturi rurali kollha jikkonformaw mal-imperattivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.</b></li> <li>• <b>Il-kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet tal-użu tal-art rurali</b> b'mod ħafna aktar ċentrali fil-kuntest ta' <b>ppjanar ħafna usa' tal-użu tal-art</b> u mhux bħala entità separata.</li> <li>• L-appoġġ għal <b>ġestjoni kollaborattiva biex tiġi indirizzata l-ħsara ambjentali</b> fuq skala ta' pajsaġġ fis-settur tal-azjendi agrikoli u tal-foresti.</li> <li>• It-tlaqqiġ ta' aspetti differenti tal-<b>ippjanar dwar is-sostenibbiltà fi pjanijiet territorjali li jipproteġu l-wirt tal-art u l-bini</b>, joħolqu ekoloġija restorattiva, itejbu l-ġestjoni tal-ilma u jrawmu mgħiba sostenibbli.</li> <li>• <b>Il-provvista ta' edukazzjoni ambjentali għaċ-ċittadini kollha</b> bħala responsabbiltà pubblika. L-appoġġ għat-taħriġ tal-bdiewa dwar <b>prattiki agrikoli riġenerattivi.</b></li> <li>• L-istabbiliment ta' <b>sħubiji</b> bejn Universitajiet u ċentri tal-edukazzjoni agrikola biż-żoni interni tagħhom biex jiġi żgurat li <b>jiġu żviluppanti innovazzjonijiet ta' sostenibbiltà sensitivi għall-post.</b></li> <li>• <b>L-appoġġ għal involviment akbar taċ-ċittadini</b> fit-tfassil u fil-ġestjoni tal-ispazji naturali fuq art pubblika.</li> <li>• <b>L-iżgurar li l-beni pubbliċi assoċjati mal-wirt tal-pajsaġġi</b> u l-wirt tal-bini jiġu mantnuti permezz ta' miżuri ta' appoġġ.</li> </ul>

<p><b>It-tibdil fil-klima</b></p>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Livelli baxxi ta' sensibilizzazzjoni dwar l-impatti tat-tibdil fil-klima.</li> <li>• Livelli baxxi ta' żvilupp u impenn komunitarju dwar l-enerġija rinnovabbli fl-Ewropa rurali.</li> <li>• L-impenn limitat tal-manigġers tal-art u ta' oħrajn dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-iżvilupp tal-bijoekonomija, anki meta s-soluzzjonijiet ikunu magħrufa, parzjalment minħabba nuqqas ta' inċentivi/ħiliet</li> <li>• Adattament inadegwat għar-realtajiet klimatiki ġodda.</li> <li>• Il-ħtieġa ta' dekarbonizzazzjoni lil hinn mis-settur tal-enerġija.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• <b>Impronta tal-karbonju</b> relattivament baxxa f'xi żoni rurali, speċjalment uħud minn dawk l-inqas żviluppati.</li> <li>• <b>Domanda dejjem akbar għall-enerġija rinnovabbli</b> inkluż il-ħolqien ta' <b>komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli</b> bbażati fuq sistemi solari, eoliċi jew tal-bijomassa u aktar awtokonsum.</li> <li>• Interess dejjem akbar fis-soċjetà dwar it-<b>tranżizzjoni lejn metodi ta' produzzjoni li ma jagħmlux ħsara lill-klima</b>, ġestjoni mtejbja tal-azjendi agrikoli u tal-foresti u l-bijoekonomija.</li> <li>• Skop wiesa' għal azzjoni fit-titjib tal-<b>effiċjenza enerġetika</b> tal-bini, id-<b>dekarbonizzazzjoni tat-trasport</b>, u t-titjib tal-<b>ġestjoni tal-ilma</b>.</li> </ul>	<ul style="list-style-type: none"> <li>• Tranżizzjoni mill-ippjanar għall-iżvilupp għall-<b>ippjanar għar-reżiljenza lokali</b>.</li> <li>• <b>It-tiħiħ tar-reazzjonijiet għat-tibdil fil-klima</b> fil-livell nazzjonali u l-valutazzjoni mill-ġdid tal-qafas legali għall-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima u l-implimentazzjoni tagħhom fi strateġiji, pjanijiet u proġetti.</li> <li>• Il-promozzjoni ta' strateġiji ta' <b>ppjanar u programmazzjoni innovattivi u intelliġenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju</b> u r-rabta tagħhom ma' strateġiji, programmi u proġetti reġjonali u nazzjonali.</li> <li>• L-appoġġ għal attivitajiet immirati lejn it-tnaqqis tal-<b>emissjonijiet ta' gassijiet serra</b>.</li> <li>• L-appoġġ għal miżuri u attivitajiet li <b>jżommu l-ilma fil-kampanja</b> (fejn meħtieġ), pereżempju permezz tal-ġestjoni intelliġenti tal-ilma u l-ġestjoni tal-ilma tax-xita, l-ilma domestiku mormi, ir-rikostruzzjoni ta' sistemi ta' irrigazzjoni, soqfa ekoloġiċi, eċċ.</li> <li>• Iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni u l-appoġġ għall-<b>edukazzjoni u t-taħriġ</b> tal-professjonisti u l-esperti fil-miżuri ta' mitigazzjoni u adattament għat-tibdil fil-klima kif ukoll taċ-ċittadini (inklużi ż-żgħażaġħ).</li> </ul>
-----------------------------------	---	--	---